MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 85/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**WAYNE DEGUARA ta’ 21 sena, iben Marco u Rowina nee’ Grima, imwieled Tal-Pieta nhar l-10.10.1989, residenti fil-fond numru 83, Triq l-Ghannejja, Birzebbuga, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 483989M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **WAYNE DEGUARA** li gie akkuzat talli nhar l-10 ta’ Novembru, 2007 ghall-habta ta’ 09.30hrs fi Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Birzebbuga:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mario Briffa f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Mario Briffa, liema offiza tista' ggib debolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem li ddum tletin gurnata jew izjed, kif iccertifika Dr David Bilocca tal-Isptar Mater Dei, bi ksur ta' l-Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Andrew Briffa, hekk kif iccertifika Dr David Bilocca tal-Isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ghamel hsara volontarja billi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq truck tal-marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni GBF 101 liema hsara tiskorri l-hamsin lira u mhux il-hames mitt lira, ghad-dannu ta' Mario Briffa minn Birzebbuga bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri (folio 5).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta' griehi sofferti mill-ahwa Briffa - Mario jsofri dawk ta' natura gravi, u danni kagunati fuq vettura ta' Andrew Briffa skond id-dokument ezebit minn Stephen Cachia fis-26.05.2009.

Tibda l-Qorti biex a priori tiddikkjara li ma mhux car kif spiccaw sofrew il-griehi l-ahwa Briffa. Andrew Briffa xehed illi l-imputat marlu fuq il-lant tax-xoghol u beda jfixkillu lill-haddiema l-ohra. Qal Andrew Briffa li ghamel xi naqra ghalih - ghall-imputat, u qal illi l-imputat beda jgholli jdejh. Hemm jghid illi qabdu jiggieldu. Jghid illi daqq it-telephone u sadanittant l-imputat gab hadida u xarrabhielu. Jghid illi hawn hu gie mizmum minn wiehed mill-haddiema tieghu. Mistoqsi ghalfejn gie mizmum, hu wiegeb biex l-imputat ma jaghtiehx. Jghid illi bid-daqqa ta' hadida fekkiklu idu. Jghid illi anke sofra grif go ghonqu. Qal ukoll illi l-imputat rega' rritorna mal-familja tieghu cioe' ommu u missieru, sabu anke l-van bil-hgiega miksura u bid-daqqiet ta' sieq. Qal li sofra ksur f'idejh.

Huh Mario Briffa xehed illi tramite telefonati sema' xi hsejjes go l-ufficcju u mar hemm hdejn huh Andrew. Hemm ra lil omm l-imputat li marret b'pipe u l-missier li harab go ghalqa. Qal illi l-omm marret bil-pipe. Qal illi sofra b'hekk xi griehi. Ikkonferma li l-van kellu hsarat fil-windscreen u grif.

Xehdu zewg pulizija. PC 829 Alan Dougall qal illi ra lill-imputat, lil ommu, lil Andrew u certu Mario kollha jargumentaw bejniethom. Qal ukoll illi ra lil Wayne jsabbat fuq il-vettura (van) ta' Mario. Xehed illi l-imputat kisser il-windscreen u ta daqqiet mal-faccata tal-van. Qal ukoll illi ra lil Mario Briffa jhebb ghal Wayne Deguara.

PC 176 Eliot Magro xehed illi hu ra lill-imputat jaghti daqqa ta' sieq u b'saqajh mal-faccata tat-truck. Qal illi bid-daqqa ta' ponn il-van tkissritlu l-windscreen.

Minn naha tieghu l-imputat li ghazel li jitla' jixhed qal illi hu kien ghal hafna drabi jcempel lil Andrew Briffa biex dan jaghtieh il-paga lilu dovuta minghand Andrew Briffa. Qal illi darba li mar fuq il-lant tax-xoghol dan Andrew beda jghajjat mieghu. Qal illi fil-fatt dan Andrew anke mbuttah u tefghu fuq xibka ma' l-art fuq il-konkos. Xehed ukoll illi Mario Briffa saq ghal fuq missieru li qabez go ghalqa wara cint.

Dwar il-hsara fuq il-van, wiegeb illi ma kienx jaf x'gara. Anke nnega li hu wegga' lil Andrew, daqstant iehor innega li kkaguna xi griehi fuq Mario Briffa. Dwar il-van qal ukoll illi hu lanqas biss resaq lejh.

Missier Wayne Deguara - Mario, xehed illi kien mar mat-tifel biex dan jigbor il-paga u waqt li kien bil-qieghda fuq ic-cint ra van misjuq minn Andrew Briffa gej ghal fuqu – ghalhekk qabez go l-ghalqa minn fuq ic-cint.

Illi nonostante l-akkuzi dedotti, din il-Qorti ghandha biss konvinciment ta' htija fejn si guarda l-hsarat li saru fuq il-van. Ghalhekk Andrew Briffa jghid illi l-imputat qabad hadida u - dan frankament ma kien korraborat minn hadd, anzi aktar tard jghid illi l-haddiema nonostante cio' zammu lilu mhux lill-imputat. Ghalhekk il-Qorti ser tistrieh fuq ix-xhieda taz-zewg pulizija (*ibid*) li raw lill-imputat ikisser il-van in kwistjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda ssib htija ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat fir-rigward tal-piena anke l-fedina penali, u tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tordna wkoll illi l-imputat ihallas fi zmien sitt(6) xhur lil Andrew Briffa s-somma ta' Lm265.50, in kwantu ghal hsara sofferta fuq il-van, u dan wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------